Recording: Wed. 6th May. 5.30 pm.

"Ma Kuinitsē Mwelā"

Simpira Ociha.

Mr. Blackman.

: b'dan kollu, dak li jinsab go fieh, huwa miskin hafna. anqas kelb ma jersaq fuq il-qabar tighu... qatt fjuri... anqas dak inhar tal-festa tal-mejtin, imbaghad fuq din in-naha, hawn qabar iehor li m'ghandux fuqu ghajr gebla u salib ckejken... xejn izjed, b'dan kollu, ma tghaddix gurnata li ma tigix izzuru, mara vistuza, bil-fjuri f'idej. Xejn ma jgaghalha tonqos minn din iz-zjara, la x-xita, la x-xemx u anqas ir-rieh. Tifhmu issa xi tfisser ghalija l-ghana f'dan ic-cimiteru? U allura,tafu x'ikolli naghmel jien? X'imdaqqiet naqbad xi ftit fjuri minn fuq dawk l-oqbra li jkollhom hafna u jmur nqeghedhom fuq dawk li ma jkollhom xejn. Naf li m'hux sewwa, imma ftit tal-gustizzja trid issir f'dan il-post ukoll.... Hekku, ser jibdew iz-zjajjar....

(Pawsa)

Xieha : L-ghodwa t-tajba, Sur Tumas.

Deffien: L-ghaodwa t-tajba, sinjura Lucia. Ghodwa sabieha, hux tassew?

Xieha : Ma tistax tkun isbah.

Deffien: Gibt xi ftit zerrigha mighek, sinjura?

Xieha : Iva, imma nibza li din id-darba, l-ghasafar jikluhilna ukoll.

Deffien: Jehtieg li nghattuha b'xi ftit trab... Ftit iehor u nigi ntik daqqa t'id.

Xieha : Grazzi, Sur Tumas.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien : L-imsejkna ilha armla ghoxrin sena... Daqshekk ilha tigi hawn... Ma tfallix jum wiehed biss. Nghidilkhom li saret drawwa taghha li tigi hawn... tqatta ftit sighat kulljum, bilqegheda fuq il-qabar ta' zewga, titlob, taqra xi gurnal u x'imdaqq iet ukoll, tahdem xi kalzetta. Ghall-ewwel, madwar il-qabar, bdiet tizra xi fjuri, issa, qed tizra xi ftit insalata... Miskina! Xi hsra qed taghmel b'daqshe. Tghaqqad flimkien il-qima tal-mejjet mal-htiega tal-hajja. .... L-ghodwa t-tajba, Sinjur!....

Sinjur : L-ghodwa t-tajba, Tumas... Waslu l-kuruni?

Deffien: Iva, sinjur. Ga ghedtilhom iqegheduhom flokhom... Ghandek bzonn xi haga ohra?

Sinjur : Xejn grazzi, Tumas.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien: Das-sinjur li ghadu kemm kellimni, huwa neguzjant kbir. Ghandu l-qabar tal-familja, l-gmiel tighu. Ga difen gò fieh lil mara u lil genituri. Qabel jigi jzurhom, dejjem jibaght xi ftit fjuri... Ma tistax torbot fuqu... ghandu hila f'xahar, jigi hames darbiet, imbaghad jghaddu x-xhur u ma tarahx darba biss... M'irridx nahseb hazin, imma